B 2349

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,967, 29 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 315 tal-2022

ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA
(KAP. 204)

Regolamenti tal-2022 dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Nazzjonali Rilevanti dwar Parametri Referenzjarji)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 60(2) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi, wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Ħatra ta' Awtorità Nazzjonali Rilevanti dwar Parametri Referenzjarji).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' sostituti għal ċerti parametri referenzjarji li jkunu se jitwaqqfu, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"parametru referenzjarju" tfisser kwalunkwe indiċi li b'referenza għalih jiġi ddeterminat l-ammont pagabbli taħt strument finanzjarju jew kuntratt finanzjarju, jew il-valur ta' strument finanzjarju, jew indiċi li jintuża sabiex titkejjel il-prestazzjoni ta' fond ta' investiment bil-għan ta' traċċar tar-rendiment tal-imsemmi indiċi jew sabiex tiġi definita l-allokazzjoni tal-assi ta' portafoll jew sabiex jiġu kkalkulati drittijiet tal-prestazzjoni;

"Regolament dwar Parametri Referenzjarji" tfisser ir-Regolament (UE) 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta' ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot ta' pajjiżi terzi u l-iffissar ta' sostituti għal ċerti parametri referenzjarji li jkunu se jitwaqqfu, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

3. (1) Il-Bank Ċentrali ta' Malta għandu jinħatar bħala awtorità nazzjonali rilevanti f'Malta għall-finijiet ta' twettiq tal-valutazzjoni skont il-punt (a) tal-paragrafu 5 tal-Artikolu 23b tar-Regolament dwar Parametri Referenzjarji.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), il-Bank Ċentrali ta' Malta għandu jaġixxi b'mod konġunt mal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, maħtura bħala awtorità nazzjonali rilevanti, skont il-*Malta Financial Services Authority Act (Indices used as benchmarks in financial instruments and financial contracts or to measure the performance of investment funds) (Amendment) Regulations, 2022*.

A.L. 312 tal-2022.

(3) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom jikkolaboraw, jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni li tkun fil-pussess tagħhom u għal dan il-għan il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jistgħu wkoll jidħlu fi ftehim bilaterali jew forom oħra ta' arranġamenti għall-kollaborazzjoni, kooperazzjoni u skambju aħjar ta' informazzjoni.